**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 179/97

Michael Buhagiar

vs

AirMalta Company Limited

Illum 21 ta' Gunju, 2001.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors illi dan l-ilment hu bazat fuq ingustizzji fil-konfront tar-rikorrenti fi tlett okkazzjonijiet differenti dwar promozzjonijiet.

Il-fatti fil-qosor kienu dawn:

(1) F'Novembru 1992, ir-rikorrenti kien applika ghall-promotion u kien l-aktar wiehed kwalifikat bi gradi universitarji u anke b'esperjenza fil-qasam. Minghajr ebda raguni valida huwa ma giex maghzul.

(2) F'Gunju 1993 ir-rikorrenti rega' applika ghal Manager Training u wahda mill-kwalifiki mehtiega kienet li jkun hemm University Degree. Applikaw biss tnejn. Ir-rikorrenti kellu Dottorat, haddiehor kellu diplomi. Xorta ir-rikorrenti inqabez.

(3) F'Awissu 1994 ir-rikorrenti applika ghall-Manager Marketing and P.R. F'dan il-kaz, habta u sabta inhatar Brian Tortell, minghajr l-anqas ma nghata c-chance li jkun hemm appell quddiem Tribunal dghajjef kemm kien dghajjef. Qamet kontroversja kbira. Min ha l-post kellu diploma f'Ancient History, waqt li ir-rikorrenti kellu dottorat fil-ligi kanonika. Min intghazel kien ilu biss sena u nofs mal-AirMalta. Imma nzerta kien ir-ragel tas-segretarja privata tac-Chairman tal-AirMalta.

Illi kien hemm il-hsieb li jingiebu x-xhieda indikati in sostenn tat-talba.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab li dan it-Tribunal jisma' u jiddecieidi dwar l-ilment skond l-Att tal-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat li ssir gustizzja mieghu, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jithallas kumpens skond l-istess ligi.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tal-Air Malta Company Limited li eccepiet:

Illi preliminarjament dan it-Tribunal m'ghandux jiehu konjizzjoni tar-rikors ghal dak li jirrigwardja l-kariga ta' Manager Training and Administration billi l-istess rikorrent diga' adixxa lill-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u dan a tenur ta' l-Artikolu 6(2) ta' l-Att VIII ta' l-1997.

Bla pregudizzju ghal premess, illi l-allegazzjonijiet maghmula fir-rikors ta' Michael Buhagiar jimmeritaw jigu michuda kompletament ghar-ragunijiet segwenti:

1. In kwantu ghall-kariga ta' "Manager Sales Policy and Control" ir-rikorrent gie klassifikat fl-ahhar post mit-tmien kandidati li applikaw ghal tali kariga. L-ebda wiehed minnhom ma gie maghzul ghal din il-kariga. Ir-rikorrent adixxa l-Company's Appeals Board izda t-talba tieghu giet michuda. Ir-rizultat ta' l-interviews u l-"Appeals Board Report' gew mehmuza mar-risposta.

2. In kwantu ghall-kariga ta' Manager Training ir-rikorrent gie klassifikat fl-ahhar post minn dawk il-kandidati li applikaw ghal tali kariga. Giet maghmula sejha esterna u l-kandidat li eventwalment gie maghzul kellu esperjenza vasta fid-Dipartiment tar-Rizorsi Umani tal-Bank Centrali ta' Malta kif ukoll fit-Training Department ta' SGS Thompson. Huwa wkoll gradwat fil-Business Management - lawrja ferm importanti ghall kariga in kwistjoni. Kopja tad-decisjoni tal-Bord ta' l-Appell - liema appell gie maqtugh kontra r-rikorrent u kopja tal-curriculum vitae ta' Mr. Peter Grech - il-kandidat maghzul huma hawn wara mehmuza.

3. In kwantu ghall-kariga ta' Manager Marketing and PR, ir-rikorrent gie klassifikat fl-ahhar post mit-tlett kandidati li applikaw ghal tali kariga. Huwa ghal darb'ohra tilef l-appell quddiem il-"Company's Appeals Board". Il-kandidat il-maghzul huwa gradwat fl-Istorja liema lawrja hija ferm importanti ghal tali kariga minhabba l-fatt li huwa ghandu d-dmir li primarjament jippromovi il-wirt storiku Malti bhala incentiv ghat-turismu Malti. In kwantu ghar-rikorrent, il-lawrja tieghu fit-Teologija m'hi ta' ebda rilevanza ghal kariga li applika ghaliha. Ir-rapport tal-Bord ta' l-Appell - liema appell gie ghal darb'ohra maqtugh kontra r-rikorrent - huwa mehmuz mar-risposta.

4. It-talba tar-rikorrent, li huwa kien jixraqlu jigu maghzul ghal karigi kollha hawn fuq imsemmija minhabba l-kwalifiki tieghu fit-Teologija hija irrelevanti minhabba l-fatt li tali lawrji m'ghandhom ebda siwi prattiku ghall-Kumpanija.

5. Ir-rikorrent kien applika wkoll ghall-kariga ta' "Manager Passenger Sales Europe". Huwa gie klassifikat fl-ahhar post mill-erba' kandidati li applikaw ghal tali kariga. Dan ikompli jsostni l-argument illi l-fatt li ma giex maghzul f'kull 'interview" li tirrigwardja xi "Promotion" jigri minhabba l-impressjoni hazina li jaghti fl-istess "interviews' u ghalhekk in-nuqqas ta' kapacita' biex jokkupa kariga aktar ghoja minn dik li huwa prezentament jokkupa. Ir-rizultat ta' l-interview msemmija giet mehmuza.

6. Hija infondata l-allegazzjoni tar-rikorrent li f'wiehed mill-Artikoli tal-Ftehim Kollettiv iffirmat fl-1988 hemm imnizzel li huwa obbligatorju l-Bord ta' l-Appell jigi kompost minn tlett persuni. F'tali ftehim Kollettiv, m'hemm ebda riferenza ghal xi Bord ta' l-Appell. Barra minn hekk Mr. Alphonse Caruana gie appuntat permezz ta' ftehim mal-GWU u huwa kien ukoll jokkupa l-kariga ta' Segretarju tal-Port and Transport Section ta' l-istess Union, liema qasam, ghal dak li jirrigwardja ir-relazzjonijiet industrijali - jaqa' taht ir-responsabbilita' ta' l-AirMalta. Huwa jippresjedi l-appelli b'serjeta u integrita' li tixraq lill-kariga li huwa jhaddan.

Ghalhekk it-talba tar-rikorrent ghandha tigi michuda.

Ra l-lista tax-xhieda u dokumenti prezentati mis-socjeta` intimata.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Illi fis-17 ta' Gunju, 1998 it-Tribunal cahad l-eccezzjoni tal-intimat dwar li l-kaz dwar Manager Training kien gja gie investigat mill-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji.

Ra l-affidavit tar-rikorrent li dwar

A: Rigward il-Kaz ta' - Manager Sales Policy and Control semma li fl-10 ta' Novembru 1992 kien hemm sejha interna Circular No. 57/92. Applika u fis-17 ta' Novembru 1992 attenda ghall-Interview. Fil-5 ta' Jannar 1993 irceva risposta negattiva ta' l-interview. Fil-21 ta' Jannar 1993 appella quddiem il-Board of Review for Promotion tal-Kumpanija. Bejn it-2 u t-8 ta' Frar ta' l-1993 harget sejha esterna ghall-applikazzjonijiet ta' Manager Sales Policy and Control. Il-Board of Review for Promotion tal-kumpanija cahad it-talba. Sostna li fost l-applikanti kollha li resqu ghall-interview f'dan il-kaz hu kien l-uniku wiehed li kellu kwalifiki universitarji, l-izjed wiehed li kien ilu jahdem bhala Assistant Manager fuq dan l-istess xoghol ma' l-istess Dipartiment/Section avolja taht ismijiet ohra differenti.

**B.** Rigward il-kaz ta' "MANAGER TRAINING And ADMINISTRATION"

Fl-4 ta' Gunju 1993 harget sejha interna ghall-applikazzjonijiet ta' Manager Training and Administration - Admn. Circular no. 48.93. Ir-rikorrent applika fis-16 ta' Gunju 1993. Kellu risposta negattiva fid-19 ta' Awissu 1993 u fit-30 ta' Awissu 1993 appella quddiem il-Board of Review for Promotion tal-Kumpanija. Fl-istess data tat-30 ta' Awissu 1993 appella wkoll quddiem il-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' l-Ingustizzji. Fis-16/17 ta' Settembru harget sejha esterna ghall-applikazzjonijiet li ghalqu fit-30 ta' Settembru 1993. Fit-22 ta' Ottubru 1993 ircieva risposta negattiva tal-Board of Review for Promotion tal-Kumpanija lir-rikorrent.

**C.** Rigward il-kaz ta' "MANAGER MARKETING and PR"

Fil-5 ta' Awissu 1994 harget sejha interna ghall-applikazzjonijiet ta' Manager Marketing and PR - Circular Number 41/94. Fit-18 ta' Awissu 1994 applika. Fil-25 t'Awissu 1994 ircieva ir-risposta negattiva ta' l-interview. Appella quddiem il-Board of Review for Promotions tal-kumpanija. Fid-9 ta' Settembru 1994 gheluq iz-zmien ghall-appell deher quddiem il-Board of Review for Promotions tal-Kumpanija! Il-persuna maghzula, is-Sur Brian Tortell, fid-9 ta' Settembru 1994 huwa diga kien indirizzat bhala "Manager Marketing AirMalta" mill-Exec. Sec. To Group Managing Directors ta' l-AirMalta f'Sydney, u Marketing Manager mill-President tal-Maltese Community Council of Victoria Incorporated! Il-persuna maghzula ghal dan il-post vakanti, is-Sur Brian Tortell hu r-ragel tas-segretarja privata li dak iz-zmien kellu c-Chairman is-sur JN Tabone, is-sinjura Christine Tortell, li s-sur Tabone kien gab mieghu l-AirMalta mill-Bank. Sostna li fost it-tliet applikanti li resqu ghall-interview hu kellu fil-pussess tieghu l-ahjar Kwalifiki Universitarji dak ta' Doctor in Utroque Jure u Advocatus S.R. Rotae et Signaturae Apostolicae, l-ghola Tribunal tal-Knisja Gen. Fl-Istorja, il-minimum rikjest. Meta s-Sur Brian Tortell ha din il-Promotion kien ilu biss sena u nofs ma l-Air Malta.

Ir-rikorrent in kontro-ezami b'riferenza ghall-collective agreement u l-Artikolu 10 qal li jaf li dan huwa bazat fuq 3 punti u cioe' l-ewwel wiehed fuq seniority u ghalhekk kien hass li minhabba li kellu s-seniority favur tieghu kellu jigi moghti l-promozzjoni fit-

tliet kazi msemmija, it-tieni punt imsemmi huwa l-efficjenza u infatti kien hemm diversi ittri ta' klijenti li kienu fahhru l-operat tieghu, u it-tielet punt huwa dak tal-kwalifiki.
Dwar il-kariga ta' Manager Sales Policy and Control hu kien jahdem f'dik is-section u kellu esperjenza f'dik is-section, u kellu seniority fuq nies ohra li fil-fatt saru. L-interviews kienu tant qosra li saru ghalxejn. Kienu saru diversi ri-oganizazzjonijiet u bis-sahha ta' dawn ir-ri-organizzazzjonijiet fil-fatt l-applikanti l-ohra lahqu karigi ohra ta' managers, jekk mhux kollha kwazi kollha.

Fil-kaz ta' Manager Training Centre f'Gunju 1993, kienet rikjesta li jkollok university degree. Kienu applikaw tlieta, tnejn kellhom degree, ma gie accettat hadd. In segwitu kienu dahlu nies ohra biex jaghmlu xoghol simili pero' b'terminologija differenti, wiehed ta' principal u kien Peter Grech.

Dwar il-post ta' Manager Marketing and PR li kien sar f'Awissu 1994 qal li dwar dan il-kaz anqas biss kien sejjer japplika minhabba l-fatt li kien hemm diceriji kbar diga dak iz-zmien dwar min kien sejjer jinghata l-kariga u infatti dan kien tailor made ghalih. Dawn kienu li sejjer jilhaq Brian Tortell li fil-fatt kien ir-ragel tas-segretarja tac-chairman ta' dak iz-zmien is-Sur Tabone liema segretarja kien gabgha mieghu mill-bank is-Sur Tabone. Fil-fatt kien dan Tortell li ha l-kariga. Sa fejn jaf hu kull ma kellu dana huwa diploma fl-istorja "in ancient history".

Ipprezenta affidavit ta' Emmanuel Grech li jahdem ma' l-AirMalta u li kien wiehed mill-applikanti ghal post vakanti ta' "Manager Sales Policy and Control". Hu qal li dan l-interview kien l-iqsar wiehed li qatt ghamel f'hajtu- madwar hames (5) minuti biss. Hadd mill-applikanti li resqu ghal dan l-interview ma kien intghazel ghall-Manager Sales Policy and Control. Hu kellu l-impressjoni li dan il-post kien lest ghal xi hadd minn barra l-Kumpanija. Ghalkemm dan il-post ta' Manager Sales Policy and Control qatt ma imtela' kienet iddahlet persuna minn barra bhala Reservations Consultant full time li assuma kien biex jaghmel l-istess xoghol. Lir-rikorrent dejjem kellu stima u rispett kbir lejh u jafu bhala bniedem intelligenti dinamiku habrieki fuq ix-xoghol tieghu u metikuluz. Dr. Michael Buhagiar gieli ssemma wkoll fil-gazzetti tal-PN bhala persuna maghrufa ghal kulur politiku tieghu bhala Laburist tal-qalba, bhal wiehed minn tal-klikka Laburista.

Philip Borg li ghandu l-kariga ta' Manager mal-AirMalta u ilu mal-AirMalta minn 1978 xehed dwar zewg okkazzjonijiet fejn kienu applikaw kemm hu u kemm ir-rikorrent ghalihom. Dwar Manager Training kien rikjest grad universitarju. Ma intazlux.

Fin-1994 kienet harget ukoll Manager Marketing and P R u xehed li kemm hu kif ukoll r-rikorrent kellhom esperjenza u ghalhekk applikaw. Kienu rikjesti esperjenza, grad universitarju mhux specifikat u li jkollok esperjenza mal-kumpannija tal-ajru, proprjament fl-airline business. Pero' hawn hekk ukoll hadd minnhom ma intaghzel, izda intaghzel certu Brian Tortell. Dan

kien ghadu kif dahal mal-kumpannija AirMalta, xi sena u ftit biss qabel. Hu kellu degree pero' kienet degree fil-istorja.

Hu kien ilu minn 1978 u r-rikorrent minn 1982 u certament kellhom hafna iktar esperjenza mal-Airline business minn Brian Tortell. Zied li kienu strambi l-proceduri f'dak il-kaz fis-sens li normalment bejn il-hrug ta' applikazzjoni jibghatu ghall-applikanti, jsiru l-interviews u jigi ippubblikat ir-rizultat jittiehdu bejn xahrejn u tlett xhur fl-AirMalta, waqt li f'dak il-kaz kollox sar f'temp ta' gimgha. Ghad-dirittura illi wara li applikaw gew notifikati illi ghandhom jattendu ghall-interview b'messagier id-dar.

Zied jghid "Ghandi nghid li bejn in-1992 u in-1996 kienet harget din il-konswitudini li minghajr ma isiru applikazzjonijiet f'daqqa wahda isib bniedem li gie appuntat ghall-kariga u f'kariga gholja fl-AirMalta…Mistoqsi dwar min kienu n-nies li kienu fuq l-Interviewing Board ghall-kariga ta' Manager Marketing and PR nirrispondi illi ma niftakarx preciz pero' ghandi l-impressjoni li kien hemm fosthom Alfred Bonnici u John Saliba. Alfred Bonnici kien wiehed minn nies li kien mill-pioniera tal-AirMalta u fil-fatt kellu esperjenza kbira. Dan spicca recentement bil-penzjoni. Pero' kien hemm iehor is-Sur John Saliba illi ma kienx bniedem tal-esperjenza. Mal-AirMalta infatti kien iehor minn dawk li gab is-Sur Tabone mieghu mill-Bank u fil-fatt kien ghadu relattivament ferm gdid fin-negozju tal-airline."

**KONKLUZZJONIJIET:**

Ikkunsidra li r-rikorrent fil-fatt ghandu mhux ilment wiehed izda tlieta u cioe' fuq tlitt promozzjonijiet u cioe' dik ta' Manager Sales Policy and Control li applika ghaliha fl-1992, dik ta' Manager Training li applika ghaliha fl-1993, u dik ta' Manager Marketing and P R li applika ghaliha fl-1994.

Dwar l-ewwel zewg karigi dan it-Tribunal jhoss li ghakemm possibilment ir-rikorrent jista' jkun li ghandu ragun dan certament ma ippruvahx b'mod konvincenti. Infatti jsemmi l-kwalifiki tieghu li certament huma impressjonanti izda li ma humiex propju fil-linji tal-karigi li ghalihom applika. Huwa veru li persuna ta' certu kapacitajiet meta jghaddi certu zmien jirnexxilha li tadatta ruhha ghac-cirkostanzi prezenti fejn tkun qedgha tahdem. Izda hawn il-kaz ma gie appuntat hadd u ghalkemm l-argument tar-rikorrent jista' certament ikun validu fis-sens li dawn thallew vojta bl-iskop li jigu appuntati nies minn barra xorta wahda hu stess semma li kien hemm min applika li riedu jaqduh u li tawhom postijiet ohra. Ma gietx prezentata xi skeda komparattiva bejn minn fil-fatt ha l-konsulenza u r-rikorrent u ghalhekk huwa ferm difficli ghal dan it-Tribunal biex jasal biex jafferma li fil-fatt saret ingustizzja mis-socjeta' intimata.

Il-kaz hu differenti dwar l-ahhar applikazzjoni. Hawn applikaw tlieta minn nies izda intghazel ir-ragel tas-segretarja privata tac-Chairman. Certament dan fih innifsu ma jfissirx wisq u zgur li t-Tribunal mhux qieghed jghid li kien hemm xi influenzar da parti ta' xi nies, anzi t-Tribunal ma jahsibx hekk. Izda inzerta li dak li

intghazel kien il-persuna li relattivament ma tantx kien ilu f'dan il-qasam. Certament li dan kien persuna kompetenti kif jidher mill-kwalifiki li kellu, izda meta wiehed iqis li akademikament ir-rikorrent certament mhux inferjuri, f'dak il-kaz is-snin ta' esperjenza tar-rikorrent kellu certament jaqilbu l-mizien favur ir-rikorrent.

Raguni li inghatat mis-socjeta' intimata hija li l-kwalifiki tar-rikorrent huma dwar suggett totalment differenti minn dak li kien jirrikjedi l-post in kwistjoni. Izda mhux l-istess irid jinghad dwar persuna li hadet il-promozzjoni u li kienet kwalifikata b'**diploma** fl-Ancient History waqt li r-rikorrent kellu **dottorat** fil-ligi kanonika! It-Tribunal ma setghax hlief jammira is-sens ta' kapacita' fil-kitba tal-konsulent legali tas-socjeta' intimata meta fir-risposta qal:
"Il-kandidat il-maghzul huwa gradwat fl-Istorja liema lawrja hija ferm importanti ghal tali kariga minhabba l-fatt li huwa ghandu d-dmir li primarjament jippromovi il-wirt storiku Malti bhala incentiv ghat-turismu Malti. In kwantu ghar-rikorrent, il-lawrja tieghu fit-Teologija m'hi ta' ebda rilevanza ghal kariga li applika ghaliha."

Il-mod kif sar l-interview mhu xejn sabih – l-ghagla enormi li mhix solita. Hawn certament tirrizulta ingustizzja cara fil-konfront tar-rikorrent.

Ghalhekk jichad l-eccezzjoni tal-intimat dwar il-kariga ta' Marketing Manager and P R ghal dawn il-motivi. Jilqa' t-talba

tar-rikorrent u peress li jsib l-ilment gustifikat ghal dak li jirrigwarda il-kariga ta' Manager Marketing and P R jirrikmanda li r-rikorrent jinghata rimedju kompensattiv billi jinghata l-kariga b'effett mill-istess data li kienet inghatat lil Brian Tortell u jitpogga fil-lista ta' seniority daqs kemm ha l-promozzjoni dak in-nhar, kif ukoll li jithallas d-differenza fil-paga li sofra.

Spejjez kontra s-socjeta' intimata.